MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 2956/1996/1

**Frieda Grima mart Charles Grima**

**v.**

**Charles Grima**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi l-partijiet ilhom mizzewgin xi hdax-il (11) sena u miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal l-izghar minnhom tewmin, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni; illi l-hajja konjugali bejn il-

kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi kommessi kontriha da parti ta' l-istess zewgha kif ukoll tkissret irrevokabilment;  illi ghal-dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond digriet moghti minn dik il-Qorti fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) (Digriet numru 1213/96) li kopja tieghu hija annessa u mmarkata Dokument 'A';  talbet ghaliex:  1.  m'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Grima minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi li Charles Grima ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;  2.  m'ghandhiex taffida il-kura u kustodja tat-tfal minuri, ahwa Grima lill-attrici salv id-dritt ta' l-access tal-konvenut;  3.  m'ghandux il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi ghaliha u ghat-tfal b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigi ffissati minn dik il-Qorti;  4.  m'ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 *ed.*) *in toto* jew *in parte*;  5.  m'ghandhiex tigi dikjarata xjolta il-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;  6.  tikkundanna lill-konvenut illi jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha;  bl-ispejjez - komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili - ingunt ghas-subizzjoni (*sic*);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xiehda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa ma jahti ghall-ebda wahda mill-aggravji allegati dwaru mill-attrici, ghax, ghall-kuntrarju, kienet hi li, arbitrarjament, qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali bil-habi tieghu, hatfet taht idejha lill-erba' wlied minuri tal-partijiet u rrifjutat li terga' lura fid-dar mieghu ghal raguni valida (*sic!*);

2. Illi t-tieni talba hija infondata, billi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tkun kongunta;

3. Illi l-attrici ghandha dhul adegwat ghaliha nnifisha, u, fi kwalunkwe kaz, hija f'qaghda li tipprovdi ghall-ghixien taghha, kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u huwa ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat jibqa' jhallasha manteniment;

4. Illi t-talba attrici ghad-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet kontemplati fl-Artikolu 48, ladarba mhix bazata fuq il-kawzali kontemplati fl-Artikoli 38 u 41 m'hijiex sostenibbli fid-dritt; u, kwantu bbazata fuq l-Artikolu 50, mhix gustifikabbli fic-cirkostanzi;

5. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda, billi huwa m'ghandu xejn f'idejh li jappartieni lill-attrici, stante li, qabel harbet mid-dar, kienet hadet hsieb li ggorr kulma riedet waqt li zewgha ma kienx id-dar;

6. Illi dwar il-hames talba, huwa jirrimetti ruhu;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xiehda relativa;

Rat is-sentenza ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar, 2005 illi permezz taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ddecidiet hekk:
"… taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma b'xi mod

inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Grima minhabba eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li Charles Grima kkommetta kontra martu l-attrici, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrevokabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli;

"2. Tilqa' din it-talba fis-sens li l-kura u kustodja tat-tfal li ghadhom minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet fis-sens li decizjonijiet dwar edukazzjoni, sahha, u affarijiet importanti fil-hajja ta' l-istess ulied ghandha tigi deciza flimkien bejn iz-zewg partijiet, b'dan però li l-istess minuri ghandhom jibqghu jghixu ma' ommhom l-attrici, kif ilhom jghixu ghal dawn is-snin kollha, izda l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri bil-mod segwenti:-

(a) fil-granet ta' l-iskola fl-ewwel gimgha kull nhar ta' Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u nhar ta' Gimgha mill-4.00 p.m. sas-Sibt fis-7.30 p.m. u fit-tieni gimgha kull nhar ta' Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u nhar ta' Sibt mit-8.00 a.m. sal-Hadd fis-7.30 p.m.;

(b) illi fil-granet tal-vaganzi kull nhar ta' Tnejn mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., kull nhar ta' Erbgha mit-8.00 a.m. sat-8.00 a.m. tal-Hamis u nhar ta' Hadd mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. u fit-tieni gimgha nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. u nhar ta' Sibt mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.;

"3. Illi din il-Qorti, apparti dak li ser jinghad iktar il-quddiem f'din is-sentenza, tiddikjara li f'din il-kawza din il-Qorti ma hijiex ser tilqa' t-talba ta' manteniment ta' l-attrici mill-konvenut u dan però biss peress li llum l-attrici ghandha impjieg u introjtu taghha; tordna wkoll li l-istess ulied tal-partijiet li ghadhom minuri jigu mantnuti mill-attrici, anke peress li qed jghixu maghha, b'dan però li l-konvenut qed jigi ordnat sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri fl-ammont ta' mitejn u

erbghin lira Maltija (Lm240) fix-xahar, (Lm80 ghal kull wild) pagabbli kull xahar bil-qddiem lill-attrici fir-residenza taghha, *oltre* li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri, inkluzi donazzjonijiet, mizati, kotba, uniformi, trasport u privat malli jigu prezentati lilu l-kontijiet relattivi;

"4. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (1984 *ed*.) *in toto*;

"5. Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tilqa' t-talba u tiddikjara xolta l-istess b'effett minn din is-sentenza u ghal-likwidazzjoni u divjoni ta' l-istess din il-Qorti *arbitrio boni viri* tiddikjara li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi diviza bil-mod segwenti:-

(a) kull parti ghandha zzomm fil-pussess taghha l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu ghandu jew ghandha skond dak propost u indikat fid-dokument immarkat bhala Dok. 'FG4' a fol. 440 tal-process, izda inkluz li l-attrici ghandha tigi wkoll assenjata l-vettura tal-marka Toyota CAP - 259 b'dan però li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala kumpens ghall-valur izjed ta' ghamara li huwa zamm fil-pussess tieghu l-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500);

(b) Illi l-konvenut ghandhu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' disa t'elef, sitta mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija, sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm19,387.50) li giet zbankata mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, u dan l-ammont ta' disa' t'elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici bl-imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sal-effettiv pagament;

(c) Illi kull kont iehor bankarju li ghadu ezistenti bejn il-partijiet ghandu jibqa' fil-pussess tal-parti li fuq isimha

huwa intestat tali kont, inkluz il-kont HSBC 006 111737 - 100 fuq l-attrici, b'dan izda li kull depozitu favur wiehed jew aktar mill-minuri w ulied tal-partijiet ghandu jibqa' tal-minuri izda ghandu jigi amministrat mill-attrici;

(d) Illi huma dovuti wkoll mill-konvenut lill-attrici nofs l-ammont ta' benefikati li saru fid-dar matrimonjali li baqghu wkoll jigu gawduti mill-konvenut u dan fl-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,672) kollox kif indikat fin-nota u dokumenti attrici esebiti anke bhala Dok. 'FG5' u ghalhekk l-istess konvenut huwa ordnat li jhallas dan l-istess ammont ukoll lill-attrici;

(e) Illi l-istess konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12,374.50) rappresentanti nofs l-ammont ta' kirjiet fl-ammont totali ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija, disa' u erbghin lira Maltija u centezmu (Lm24,749.01), li l-istess konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza ghall-kera ta' garaxijiet kollha u l-mahzen li huma proprjetà parafernali tieghu, liema kirjiet u introjtu ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kollox kif fuq indikat;

(f) Illi l-azzjonijiet ta' Farsons li baqa' ghandhom jigu assenjati biss lill-konvenut;

"6. Illi dwar is-sitt talba attrici w allura dwar oggetti parafernali ta' l-attrici dawn jinsabu ndikati fil-lista dokument 'FG3' a fol. 439 tal-process, liema oggetti baqghu kollha fil-pussess tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu, u ghalhekk din il-Qorti tordna wkoll *arbitrio boni viri* li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) *per saldo* ghall-pretensjonijiet attrici dwar il-proprjetà parafernali taghha li baqghet fil-pussess u gawduta mill-konvenut anke *pendente lite* u ghalhekk ghal snin shah;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla kontra l-konvenut;

"Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless miz-zmien kollu li din il-kawza damet pendenti, mill-pika esegerata tal-partijiet fil-mori tal-kawza fejn minkejja l-inkoraggiment tal-Qorti sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim dekoruz ghat-tnejn, l-istess partijiet baqghu jillitikaw dwar kull punt mertu tal-kawza odjerna, mill-mod li l-istess partijiet ressqu l-provi taghhom fejn it-tnejn damu s-snin sabiex ghalqu l-provi taghhom, u wkoll kissru kwazi kull digriet tal-Qorti dwar it-terminu meta kull parti kellha tressaq il-provi taghha, apparti l-fatt li saru numru sostanzjali ta' seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja nominata fejn l-ebda wahda mill-partijiet ma res[s]qet provi, b'dan ghalhekk li minhabba u kawza ta' dan din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-paragrafu 10 tal-Iskdeda 'A' tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-attrici thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha tal-partijiet jirrizultalha li l-allegazzjonijiet kollha attrici dwar ir-responsabilità ta' din is-separazzjoni gew ilkoll ppruvati ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti u fil-grad ta' prova necessarja skond il-ligi, b'dan li gie ppruvat li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, u kien proprjament dan li wassal lill-attrici li ma setghatx izjed toqghod fid-dar konjugali u fil-fatt l-istess attrici kienet kostretta li tohrog mid-dar konjugali mid-19 ta' Gunju 1996.

"Illi t-tezi tal-konvenut li l-attrici telqet mid-dar kapriccozament ma hijiex konvincenti u ma tistax titwemmen minn din il-Qorti - u dan aktar u aktar meta l-istess konvenut jaghti l-impressjoni u jissottometti li ma kien hemm xejn ta' gravità partikolari bejn il-partijiet li setgha jwassal ghal din il-firda personali - firda li *de facto*

issa ilha mad-disa' snin, fejn l-istess attrici kellha tghix ma' l-erba' uliedha, filwaqt li zewgha baqa' jghix fid-dar konjugali u wkoll zbank[a] mas-Lm17,000 mid-depoziti bankarji, u fil-fatt dan fih innifsu jikkonferma u jikkorrobora wahda mill-allegazzjonijiet attrici, minn fejn jirrizulta li l-konvenut waqt il-konvivenza tieghu ma' l-attrici ried jikkontrolla kull spiza li kienet issir minn martu u minn uliedu b'mod ghal kollox esegerat u assfizzjanti u f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghal *affidavit* ta' l-attrici fejn hemm diversi ezempji ta' dan kollu.

"Illi apparti dan jidher u jirrizulta li ghalkemm il-mezzi tal-konvenut u l-introjtu tal-konvenut anke minhabba diversi kirjiet kien dejjem wiehed ta' certu sostanza, xorta wahda huwa kien xhih ma' martu u ma' uliedu, u fil-fatt dan kien id-disgwid principali bejn il-konjugi, li ta lok ghal hajja ta' frustrazzjoni ghall-attrici u ghal uliedha, li kkonstringewha sabiex tohrog tahdem u anke tissubixxi vjolenza domestika *da parte* tal-konvenut, apparti ngurji gravi, kemm id-dar quddiem uliedha u kif ukoll barra mid-dar. Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti ma thossx li l-verzjoni tal-konvenut tista' titwemmen, u l-argument li gab li huwa ried biss u dejjem li ssehh rikonciljazzjoni, ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti, mhux l-anqas peress li bl-agir tieghu f'din il-kawza huwa dejjem agixxa sabiex jcahhad lill-attrici anke minn dak li huwa taghha, u dan anke bl-izbank ta' l-imsemmija flus.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u dan peress li din il-firda personali qed issehh minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-konvenut ghad-dannu ta' l-attrici li minhabba l-istess il-hajja konjugali bejn il-konjugi tkisser [*recte*: tkissret] irremedjabilment.

"Illi dwar kura u kustodja tat-tfal li ghadhom minuri din ghandha tkun kongunta fis-sens li decizjonijiet dwar skola, sahha, u affarijiet importanti fil-hajja ta' l-istess ulied ghandha tigi deciza bejn iz-zewg partijiet, b'dan però li l-istess minuri ghandhom jibqghu jghixu ma' ommhom l-attrici, kif ilhom jghixu ghal dawn is-snin kollha, izda l-

istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri bil-mod segwenti:-

(a) fil-granet ta' l-iskola fl-ewwel gimgha kull nhar ta' Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u nhar ta' Gimgha mill-4.00 p.m. sas-Sibt fis-7.30 p.m. u fit-tieni gimgha kull nhar ta' Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u nhar ta' Sibt mit-8.00 a.m. sal-Hadd fis-7.30 p.m.;

(b) illi fil-granet tal-vaganzi kull nhar ta' Tnejn mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., kull nhar ta' Erbgha mit-8.00 a.m. sat-8.00 a.m. tal-Hamis u nhar ta' Hadd mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. u fit-tieni gimgha nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. u nhar ta' Sibt mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.;

"Illi dwar manteniment ghall-attrici jidher li kull parti ghandha l-introjtu taghha, u fil-fatt l-attrici ddikjarat li hija [ghandha] qliegh ta' Lm420 nett fix-xahar filwaqt li r-ragel iddikjara li huwa jaqla' is-somma ta' Lm450 nett fix-xahar u dan minbarra li kien jikri *warehouse* u hames garaxxijiet kif indikat fil-verbal tal-24 ta' Marzu 2004.

"Illi dwar manteniment tal-minuri jirrizulta li *pendente lite* l-istess konvenut kien qed ihallas manteniment ta' Lm200, li kien jinkludi manteniment ukoll ghall-mara minkejja l-fatt li kienet tahdem - ghalkemm jidher ukoll li f'dan il-perjodu tal-kawza l-istess attrici kellha spejjez konsiderevoli mhux l-inqas ghall-edukazzjoni ta' uliedha u wkoll sabiex hija tkun tista' tirresjedi ma' l-istess uliedha, spejjez li hija inkorriet in gran parti mill-introjtu taghha, *stante* li l-kontribuzzjoni tal-konvenut baqghet biss ta' Lm200 fix-xahar ghalkemm meta l-istess ulied kienu mieghu mhux eskluz li hallas xi spejjez zghar ulterjuri. Però mal-introjtu tal-konvenut apparti l-impjieg li kellu jirrizulta li huwa wkoll kellu dhul sostanzjali minn kirijiet ta' garaxxijiet u *warehouse* li huma proprjetà parafernali tieghu, introjtu li baqa' jdahhal tul l-istess kawza, u liema ammonti jammontaw ghal figura mhux negligibbli li skond il-konvenut tammonta ghal cirka Lm2,000 fis-sena, ghall-attrici ferm aktar. Jekk wiehed jiehu l-ammonti ta' kera fis-sena kif indikat mill-attrici fin-nota taghha dawn

jammontaw ghal cirka Lm3,535.97 fis-sena, u ghalhekk tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-istess konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu li ghadhom minuri fl-ammont ta' Lm240 fix-xahar, (Lm80 ghall kull wild) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, *oltre* li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri, inkluzi donazzjonijiet, mizati, kotba, uniformi, trasport u privat malli jigu prezentati lilu l-kontijiet relattivi.

"Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti thoss li l-istess ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett minn din is-sentenza u ghal-likwidazzjoni u divjoni ta' l-istess din il-Qorti *arbitrio boni viri* tiddikjara li ghandha tigi diviza bil-mod segwenti:-

(a) kull parti ghandha zzomm fil-pussess taghha l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu ghandu jew ghandha skond dak propost u indikat fid-dokument immarkat bhala Dok. 'FG4' a fol. 440 tal-process, izda inkluz li l-attrici ghandha tigi wkoll assenjata l-vettura tal-marka Toyota CAP - 259 b'dan però li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala kumpens ghall-valur izjed ta' ghamara li huwa zamm fil-pussess tieghu l-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500).

(b) Illi l-konvenut ghandhu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' disa t'elef, sitta mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont ta' Lm19,387.50 li giet zbankata mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, (ghalkemm l-konvenut jammetti li gibed biss Lm17,412.20). Minbarra l-ammont ta' Lm9,693.75 l-konvenut ghandu jithallas fuq l-istess ammont imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sal-effettiv pagament.

(c) Illi kull kont iehor bankarju li ghadu ezistenti bejn il-partijiet ghandu jibqa' fil-pussess tal-parti li fuq isimha huwa intestat tali kont, inkluz il-kont HSBC 006 111737 - 100 fuq l-attrici, b'dan izda li kull depozitu favur wiehed

jew aktar mill-minuri w ulied tal-partijiet ghandu jibqa' tal-minuri izda ghandu jigi amministrat mill-attrici.

(d) Illi huma dovuti wkoll mill-konvenut lill-attrici nofs l-ammont ta' benefikati li saru fid-dar matrimonjali li baqghu wkoll jigu gawduti mill-konvenut u dan fl-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,672) kollox kif indikat fin-nota u dokumenti attrici esebiti anke bhala Dok. 'FG5' u ghalhekk l-istess konvenut huwa ordnat li jhallas dan l-istess ammont ukoll lill-attrici.

(e) Illi l-istess konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12,374.50) rappresentanti nofs l-ammont ta' kirjiet fl-ammont totali ta' Lm24,749.01, li l-istess konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza ghall-kera ta' garaxijiet kollha u l-mahzen li huma proprjetà parafernali tieghu, liema kirjiet u introjtu ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti - tali kirjiet indikati fix-xhieda moghtija fil-15 ta' Gunju 2000 u fix-xhieda tal-14 ta' Dicembru 2000 u indikati ukoll f'Dok. 'AB1' - 'AB5' u 'AB6', u wkoll fin-nota spjegattiva attrici ta' l-24 ta' Marzu 2004.

(f) Illi l-azzjonijiet ta' Farsons li baqa' ghandhom jigu assenjati biss lill-konvenut.

(g) Illi dwar oggetti parafernali ta' l-attrici dawn jinsabu indikati fil-lista dokument 'FG3' a fol. 439 tal-process, liema oggetti baqghu kollha fil-pussess tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu, u ghalhekk din il-Qorti tordna wkoll *arbitrio boni viri* li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) *per saldo* ghall-pretensjonijiet attrici dwar il-proprjetà parafernali taghha li baqghet fil-pussess u gawduta mill-konvenut anke *pendente lite* u ghalhekk ghal snin shah."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tibdel jew altrimenti tvarja s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti

Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ Frar 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi:

1. Fil-kuntest ta’ l-ewwel talba attrici tikkonferma s-sentenza appellata (paragrafu 1 tal-konkluzjoni) inkwantu ppronunzjat s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli, izda thassaraha inkwantu l-istess sentenza torbot dan kollu ma’ ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Fil-kuntest tat-tieni talba attrici tikkonferma s-sentenza appellata (paragrafu 2 tal-konkluzjoni) inkwantu ddecidiet li l-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet izda tvarja l-hinijiet ta’ access tal-konvenut ghall-ulied minuri billi l-iskeda (b) ghandha tinqara’ minflok: ‘Illi fil-granet tal-vaganzi kull nhar ta’ Tnejn mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., kull nhar ta’ Erbgha mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. tal-Hamis u nhar ta’ Hadd mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. u fit-tieni gimgha nhar ta’ Tnejn mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., nhar ta’ Erbgha mit-8.00 a.m. sa nofsinhar tal-Hamis u nhar ta’ Sibt mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.’ Oltre dan ghandu jizdied ukoll li tul il-vaganzi tas-Sajf, iz-zewg partijiet ghandu jkollhom rispettivament jedd ghal *weekend* shih ma’ l-ulied, f’liema kaz l-access jigi ezercitat mill-5.00 p.m. tal-Gimgha sat-8.00 p.m. tal-Hadd. Ghandu jigi pronunzjat ukoll li t-tfal ghandhom jingabru mill-parti li maghha ikun imiss li joqghodu skond l-iskeda ta’ access sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor;

3. Fil-kuntest tar-raba’ talba attrici din l-Onorabbli Qorti ghandha tvarja s-sentenza appellata (paragrafu 4 tal-konkluzjoni) billi tilqa r-raba’ eccezzjoni u tichad din it-talba attrici;

4. Fil-kuntest tal-hames talba attrici din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata (paragrafu 5 tal-konkluzjoni) inkwantu iddikjarat xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti izda ghandha tvarja l-istess bil-mod segwenti: 1. tali xoljiment ghandu jkun b’effett mid-19 ta’ Gunju 1996 u mhux mid-data tas-sentenza appellata; 2. ghandha thassar u tvarja l-istess sentenza

inkwantu ikkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm9,693.75 rapprezentanti nofs l-ammont ta' Lm19,387.50 u imghax ta' 5% mill-1 ta' Jannar 1997 sa l-effettiv pagament (5(b) tal-konkluzjoni), billi l-ammont dovut f'dan il-kuntest ghandu jigi ridott kif hawn fuq spjegat filwaqt li r-rata ta' l-imghax ghandha wkoll tigi ridotta ghal wahda aktar ragonevoli fic-cirkostanzi; 3. ghandha thassar u tvarja wkoll l-istess sentenza inkwantu l-esponenti gie kundannat ihallas Lm12,374.50 rapprezentanti nofs l-ammont ta' Lm24,749.01 li l-konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza minn kirjiet ta' proprjetà parafernali tieghu (5(e) tal-konkluzjoni), billi ebda ammont m'huwa dovut f'dan il-kuntest u fi kwalunkwe kaz l-ammont kif kalkolat huwa zbaljat u eccessiv kif hawn fuq spjegat;

5. Thassar u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata inkwantu l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut ihallas Lm600 bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata";

Rat ir-risposta ta' l-attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet dedotti mill-appellant zewgha, u tikkonferma is-sentenza appellata salv it-talbiet minnha dedotti permezz tal-anness appell incidentali taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant";

Rat ir-rikors ta' appell incidentali ta' l-attrici illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tbiddel jew tvarja is-sentenza appellata moghtija mill Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Frar 2005 fl-ismijiet premessi billi tirriformaha fis-sens segwenti u tikkonfermaha ghar-rimanenti u cioè:

1. Fil kuntest tat-tieni talba attrici tirriformaha fis-sens li uliedhom minuri jigu fdati fil kura u kustodja taghha esklusivament;

2. Fil kuntest tat tielet u hames talbiet attrici, din l-Onorabbli Qorti ghandha tvarja is-sentenza appellata billi tikkundanna lill konvenut ihallas ukoll lill-attrici, oltre l-ammonti gjà likwidati favur taghha permezz tas-sentenza imsem[m]ija, ammonti ulterjuri kif fuq esposti rappresentanti rifuzjoni tal-ispejjez minnha inkorsi ghall wild minuri fil mori tal proceduri kif ukoll kirjiet ghall zewg garaxxijiet ohra fuq indikati u li jirrisultaw mill atti, liema somom gew inkassati mill konvenut *pendente lite*, liema kirjiet ukoll ghandhom jitqiesu li jifformaw parti mill komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet;

3. tirrevoka l-kundanna taghha li thallas Lm600 spejjez addizzjonali;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut";

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali ta' l-attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi jigu michuda t-talbiet dedotti mill-attrici fl-istess appell incidentali bl-ispejjez kontra l-attrici;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

(1) Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata illi l-htija ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti hija imputabbli lilu;

(2) Illi l-access tieghu ghal uliedu ghandu jkun aktar estensiv minn dak koncess;

(3) Illi x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi relativi ma humiex gusti;

(4) Illi l-kundanna tieghu sabiex ihallas spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti mhix gustifikata;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tas-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenut fir-rikors ta' appell tieghu dwar l-ewwel (1) aggravju jirrizulta illi dan l-aggravju jammonta ghal sottomissjoni illi, kwantu ghad-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn qorti ta' l-ewwel grad sakemm lill-qorti tat-tieni grad ma tirrizultalhiex raguni serja sabiex dan isir;

Fil-kaz odjern, hija l-fehma ta' dina l-Qorti illi hemm raguni serja bizzejjed sabiex - dejjem ghal dak illi jirrigwarda d-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghas-separazzjoni in kwistjoni - hija tiskarta l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul fis-sentenza appellata u taghmel l-apprezzament taghha ta' l-istess provi. Ir-raguni hija illi l-apprezzament ta' dawn il-provi, maghmul mill-ewwel Qorti, minn naha wahda mhux approfondit bizzejjed biex jikkonvinci lil dina l-Qorti illi ghandha tistrieh fuqu u, min-naha l-ohra, f'partijiet determinanti minnu huwa manifestament zbaljat. Infatti, l-apprezzament relativ sar <u>biss</u> fis-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 477-479):
"Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha tal-partijiet jirrizultalha li l-allegazzjonijiet kollha attrici dwar ir-responsabilità ta' din is-separazzjoni gew ilkoll ppruvati ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti u fil-grad ta' prova necessarja skond il-ligi, b'dan li gie ppruvat li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, u kien proprjament dan li wassal lill-attrici li ma setghatx izjed toqghod fid-dar konjugali u fil-fatt l-istess attrici kienet kostretta li tohrog mid-dar konjugali mid-19 ta' Gunju 1996.

"Illi t-tezi tal-konvenut li l-attrici telqet mid-dar kapriccozament ma hijiex konvincenti u ma tistax titwemmen minn din il-Qorti - u dan aktar u aktar meta l-istess konvenut jaghti l-impressjoni u jissottometti li ma kien hemm xejn ta' gravità partikolari bejn il-partijiet li setgha jwassal ghal din il-firda personali - firda li *de facto* issa ilha mad-disa' snin, fejn l-istess attrici kellha tghix ma' l-erba' uliedha, filwaqt li zewgha baqa' jghix fid-dar konjugali u wkoll zbank[a] mas-Lm17,000 mid-depoziti bankarji, u fil-fatt dan fih innifsu jikkonferma u jikkorrobora wahda mill-allegazzjonijiet attrici, minn fejn jirrizulta li l-konvenut waqt il-konvivenza tieghu ma' l-attrici ried jikkontrolla kull spiza li kienet issir minn martu u minn uliedu b'mod ghal kollox esegerat u assfizzjanti u f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghal *affidavit* ta' l-attrici fejn hemm diversi ezempji ta' dan kollu.

"Illi apparti dan jidher u jirrizulta li ghalkemm il-mezzi tal-konvenut u l-introjtu tal-konvenut anke minhabba diversi kirjiet kien dejjem wiehed ta' certu sostanza, xorta wahda huwa kien xhih ma' martu u ma' uliedu, u fil-fatt dan kien id-disgwid principali bejn il-konjugi, li ta lok ghal hajja ta' frustrazzjoni ghall-attrici u ghal uliedha, li kkonstringewha sabiex tohrog tahdem u anke tissubixxi vjolenza domestika *da parte* tal-konvenut, apparti ngurji gravi, kemm id-dar quddiem uliedha u kif ukoll barra mid-dar. Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti ma thossx li l-verzjoni tal-konvenut tista' titwemmen, u l-argument li gab li huwa ried biss u dejjem li ssehh rikonciljazzjoni, ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti, mhux l-anqas peress li bl-agir tieghu f'din il-kawza huwa dejjem agixxa sabiex jcahhad lill-attrici anke minn dak li huwa taghha, u dan anke bl-izbank ta' l-imsemmija flus.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u dan peress li din il-firda personali qed issehh minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-konvenut ghad-dannu ta' l-attrici li minhabba l-istess il-hajja konjugali bejn il-konjugi tkisser [*recte*: tkissret] irremedjabilment" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti qed tghid illi fis-sentenza appellata ma hemmx apprezzament approfondit tal-provi prodotti ghaliex, apparti dak illi jinghad fis-silta appena citata, fis-sentenza appellata ma hemm assolutament ebda riferenza jew accenn ghal x'qalu l-kontendenti fid-depozizzjonijiet sostanzjalment twal taghhom – konsistenti principalment f'*affidavit* ta' kull wiehed u wahda minnhom. Minhabba f'hekk din l-Qorti ma hijiex f'pozizzjoni illi tapprezza x'wassal lill-ewwel Qorti sabiex temmen lill-attrici pjuttost milli lill-konvenut;

Kwantu ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti illi huwa manifestament zbaljat ghandu jinghad illi dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi illi "l-konvenut waqt il-konvivenza tieghu ma' l-attrici ried jikkontrolla kull spiza li kienet issir minn martu u minn uliedu b'mod ghal kollox esegerat u assfizzjanti" meta hija l-attrici stess illi, <u>b'mod indirett</u>, tammetti illi sakemm, ghall-habta tal-bidu ta' l-1996, hija ddecidiet illi ma setghetx tibqa' tghix mal-konvenut, wara aktar minn hdax-il sena zwieg, l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-familja kienet f'idejha. Infatti, f'pagina sittax (16) ta' l-*affidavit* taghha l-attrici tghid hekk (fol. 106):
"L-ghada [*i.e.* 17 ta' Marzu, 1996] … Akkuzani li ma kontx qed noqghod attenta bil-flus u <u>ghalhekk ghidtlu biex jibda jiehu hsieb l-aspett finanzjarju hu</u>, inkluz l-ATM Card u c-cekk book" (sottolinear ta' dina l-Qorti";

Il-konvenut, da parti tieghu, jghid <u>kategorikament</u> - u ma gie b'ebda mod kontradett - (fol. 155):
"… Frida [l-attrici] stess kienet tiehu hsieb il-finanzi";

Mhux logikament koncepibbli illi ragel matul snin twal ta' zwieg volontarjament jafda l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-familja lil martu u fl-istess hin ikun qed "jikkontrolla kull spiza li kienet issir minn martu";

Ghall-istess ragunijiet illi ghadhom kemm inghataw dina l-Qorti anqas ma tista' tifhem ukoll kif l-ewwel Qorti setghet tassserixxi - fis-silta già citata mis-sentenza appellata - illi l-konvenut:

"… kien xhih ma' martu u ma' uliedu, u fil-fatt dan kien id-disgwid principali bejn il-konjugi, li ta lok ghal hajja ta' frustrazzjoni ghall-attrici u ghal uliedha, li kkonstringewha sabiex tohrog tahdem u anke tissubixxi vjolenza domestika *da parte* tal-konvenut, apparti ngurji gravi, kemm id-dar quddiem uliedha u kif ukoll barra mid-dar" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:
Illi, kif già inghad, hemm lok illi, ghal dak illi jirrigwarda d-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dina l-Qorti taghmel apprezzament tal-provi prodotti. Dawn il-provi jikkonsistu f'dokumenti, fid-depozizzjonijiet u fl-*affidavit* ta' l-attrici u tal-konvenut, fid-depozizzjonijiet ta' rapprezentanti tal-banek lokali u fl-*affidavit* ta' George Cini, hu l-attrici, illi jghix l-Awstralja. Dina l-Qorti sejra tinjora l-kontenut ta' l-ahhar imsemmi *affidavit* ghaliex, kwantu ghall-fatti illi jissemmew fih, huwa evidenti illi l-imsemmi George Cini qed jirrepeti dak illi qaltlu l-attrici jew xi terza persuna u, kwantu ghall-kumplament, jikkonsisti f'serje ta' kummenti u opinjonijiet;

L-istampa tal-fatti rilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghas-separazzjoni in kwistjoni, kif temergi mill-*affidavit* dettaljat u voluminuz ta' l-attrici (fol. 91 sa 126), in succint, hija illi mill-bidu taz-zwieg tal-kontendenti (Awissu 1984) sa cirka Dicembru 1995 - ghal perijodu ta' aktar minn hdax-il sena - il-konvenut ma kienx jirrispetta lill-attrici, ma kienx jippartecipa fix-xoghol tad-dar, kien jikkontrolla l-hajja ta' l-attrici u kien ikun xhih maghha u ma' wliedhom, u kien ukoll juza vjolenza fizika fuq l-attrici u fuq ulied il-kontendenti. L-attrici tghid illi hija baqghet tittollera din is-sitwazzjoni - minghajr ma tiftah qalbha ma' hadd dwarha - sa cirka Dicembru 1995 jew Jannar 1996 meta iddecidiet illi s-sitwazzjoni familjari kienet intollerabbli u illi, ghalhekk, riedet tipprocedi ghas-separazzjoni minn zewgha. Dina l-Qorti tghid minghajr tlaqliq illi l-attrici mhix kredibbli. Infatti, flimkien ma' l-*affidavit* tieghu (fol. 169 sa 207) - ukoll dettaljat u voluminuz - il-konvenut esibixxa *birthday card* (fol. 208) illi huwa jghid - u ma gie b'ebda mod kontradett - illi tatu l-

attrici fl-okkazjoni ta' gheluq sninu f'Marzu 1995. Fuq din il-*birthday card* l-attrici kitbitlu hekk lill-konvenut:

'*Dear Charles,*
*Another year has past* [*sic*] *and you have grown through experience. Forgive me for any disappointments, which I may have brought about.*
*I truly do love you and appreciate you though I don't always show it.*
*Well, HAPPY BIRTHDAY from the bottom of my heart.*
*Love,*
*Frieda*'
u
'*To,*
*Dearest Charles,*
*…*
*All my love,*
*Frieda*
*xxx*
*xx*
*x*
*24$^{th}$ March '95*';

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-kontenut ta' dina l-kartolina jikkontrasta hafna mas-sitwazzjoni familjari bejn il-kontendenti bejn il-bidu taz-zwieg taghhom u Marzu 1995 kif temergi mill-*affidavit* ta' l-attrici. Tajjeb illi jinghad illi huwa possibbli illi l-attrici kienet ipokrita meta esprimiet is-sentimenti taghha lejn zewgha fl-imsemmija kartolina. Jekk dan huwa minnu, però, xorta wahda dina l-Qorti ma tistax tati affidament lill-attrici ghaliex min huwa ipokrita la huwa onest, la huwa sincier u <u>lanqas huwa kredibbli</u>. Kwantu ghan-nuqqas ta' kredibbilità ta' l-attrici, tajjeb illi hawn issir riferenza ghal dak illi gie osservat aktar qabel f'dan il-gudikat ghar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-attrici illi l-konvenut kien xhih maghha u ma' uliedhom. Mhux mehtieg illi jinghad izjed - ghalkemm hemm hafna illi jista' jinghad - f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali - u hadet maghha lill-

erbgha (4) ulied tal-kontendenti - fid-dsatax (19) ta' Gunju, 1996 u marret toqghod, flimkien ma' uliedha, f'fond illi kriet fejn, prezumibilment, ghadha toqghod illum. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, mill-kumpless tal-provi prodotti, jirrizulta illi l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali - u, ghalhekk, abbandunat lill-konvenut - minghajr raguni gusta u illi huwa minhabba dan l-abbandun illi illum z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi konsidrat bhala illi tkisser irremedjabilment. Il-htija ghal dan it-tkissir, ghalhekk, hija ta' l-attrici biss. Tajjeb illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi jirrizulta illi sakemm giet deciza dina l-kawza in prim istanza - u jidher illi hekk ghadha l-posizzjoni illum - il-konvenut b'diversi mezzi fittex rikonciljazzjoni ma' martu l-attrici. L-attrici, però, kemm immedjatament qabel giet intavolata l-kawza odjerna u kemm tul il-perkors ta' l-istess kawza sal-lum, ma uriet ebda interess reali f'rikonciljazzjoni; l-attrici tinsisti ghas-separazzjoni;

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi xi nuqqasijiet fil-komportament tal-konvenut versu l-attrici u wliedhom matul iz-zwieg, nuqqasijiet ammessi mill-konvenut fl-*affidavit* u fid-depozizzjonijiet tieghu, ma humiex ta' entità tali illi b'xi mod setghu taw lok ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti. Dina l-Qorti mhux sejra telabora dwar dan ghaliex, *del resto*, kien jinkombi fuq l-attrici illi tipprova dak illi qed tallega, jigifieri illi r-responsabbiltà ghas-separazzjoni hija attribwibbli lill-konvenut u, kif jemergi minn dak illi inghad sa issa, l-attrici ma irnexxilhiex taghmel tali prova;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, dina l-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut huwa fondat, tikkonkludi illi ghandha tikkonferma s-sentenza appellata kwantu laqghet l-ewwel talba attrici u ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti peress illi z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment, b'dan, però, illi r-responsabbiltà ghal dan it-tkissir hija ta' l-attrici peress illi abbandunat lill-konvenut minghajr raguni gusta;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju tal-konvenut, konsidrat illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi it-tifel il-kbir tal-kontendenti illum huwa maggorenni, illi anke it-tieni (2) tifel tal-kontendenti illum x'aktarx - jinghad x'aktarx ghaliex ma tirrizultax id-data ta' twelid ta' dan it-tifel - lahaq l-età magguri u illi z-zewg (2) subien l-ohra tal-kontendenti - illi huma tewmin - sejrin jaghlqau sittax (16)-il sena f'Settembru illi gej, mhux opportun illi jigu varjati l-modalitajiet ta' l-access tal-konvenut ghal uliedu;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tielet (3) aggravju tal-konvenut, dak illi l-appellant qed isostni illi huwa zbaljat fis-sentenza appellata, jirrizulta mis-segwenti silta mill-paragrafu enumerat erbgha (4) tal-parti tar-rikors ta' appell illi tikkontjeni t-talba jew talbiet (fol. 608):
"Fil-kuntest tal-hames talba attrici din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata (paragrafu 5 tal-konkluzjoni) inkwantu iddikjarat xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti izda ghandha tvarja l-istess bil-mod segwenti: 1. tali xoljiment ghandu jkun b'effett mid-19 ta' Gunju 1996 u mhux mid-data tas-sentenza appellata; 2. ghandha thassar u tvarja l-istess sentenza inkwantu ikkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm9,693.75 rapprezentanti nofs l-ammont ta' Lm19,387.50 u imghax ta' 5% mill-1 ta' Jannar 1997 sa l-effettiv pagament (5(b) tal-konkluzjoni), billi l-ammont dovut f'dan il-kuntest ghandu jigi ridott kif hawn fuq spjegat filwaqt li r-rata ta' l-imghax ghandha wkoll tigi ridotta ghal wahda aktar ragonevoli fic-cirkostanzi; 3. ghandha thassar u tvarja wkoll l-istess sentenza inkwantu l-esponenti gie kundannat ihallas Lm12,374.50 rapprezentanti nofs l-ammont ta' Lm24,749.01 li l-konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza minn kirjiet ta' proprjetà parafernali tieghu (5(e) tal-konkluzjoni), billi ebda ammont m'huwa dovut f'dan il-kuntest u fi kwalunkwe kaz l-ammont kif kalkolat huwa zbaljat u eccessiv kif hawn fuq spjegat";

Dak illi qed jitlob l-appellant ghar-rigward ta' minn meta ghandu jkollu effett ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti mhux konsentit mill-artikolu 55(1) tal-Kodici Civili;

Illi l-konvenut ghamel is-sottomissjonijiet dwar il-kontenzjoni tieghu illi s-somma ta’ Lm9,693.75 hawn fuq imsemmija, illi huwa gie kundannat ihallas lill-attrici, fil-paragrafu tnejn (2) tal-parti ‘C’ tar-rikors ta’ appell (fol. 604-5). L-attrici appellata irrispondiet ghal dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenut fil-paragrafi enumerati minn sittax (16) sa dsatax (19) tar-risposta ta’ appell taghha (fol. 612). Minn dawn il-paragrafi jirrizulta illi l-attrici taqbel ma’ l-imsemmija sottomissjonijiet b’eccezzjoni ta’ dak illi jinghad fil-paragrafu enumerat 19 tar-risposta taghha illi jaqra hekk:
“Illi hemm tlett kontijiet li ukoll jappartjenu lill komunjoni ta’ L1475.30, Lm3000 u Lm1000 rispettivament, kontrarjament ghal dak allegat mill-appellant. L-appellant qed jallega li kien hemm kontegg doppju izda ma gab ebda prova in sostenn ta’ din it-tesi tieghu”;

Dwar dawn il-“kontijiet” il-konvenut fil-parti C.2. tar-rikors ta’ appell tieghu jissottometti hekk (fol. 605):
“… Rigward l-ammonti ta’ Lm1475.30, Lm3000 u Lm1000 l-esponenti jirreferi ghal paragrafu 18 tan-nota responsiva tieghu u jtenni li dawn l-ammonti m’humiex divisibbli bejn il-partijiet stante li altrimenti l-esponenti ikun qed jigi mgieghel ihallas ammonti ta’ flus darbtejn”;

Il-paragrafu 18 tan-nota responsiva tal-konvenut jaqra hekk (fol. 446):
“Fir-rigward tal-ammonti ta’ Lm1475.30, Lm3000 u Lm1000 l-esponenti ma jaqbilx li dawn l-ammonti ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet. Fl-ewwel lok dawn johorgu minn zewg kontijiet (*savings* u *current* mieghu) li infethu mill-esponenti wara li l-attrici telqet mid-dar. Fihom kienet qed tigi depozitata l-paga ta’ l-esponenti, xi dhul minn kirjiet u parti sostanzjali ta’ Lm3923.99 li l-esponent kien zbanka u li digà ittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ din il-likwidazzjoni. Apparti dan is-somma ta’ Lm1475.30 huwa biss bilanc tal-ahhar tas-sena 1996 u mhux zbank. Ghalhekk l-ebda ammont minn dawn il-figuri ma ghandu jigi mhallas lill-attrici”;

L-ewwel Qorti waslet sabiex tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' Lm9,693.75 ghaliex f'pagina tlieta u ghoxrin (23) tas-sentenza appellata (fol. 486) ikkonkludiet hekk:
"Illi l-konvenut ghandhu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' disa t'elef, sitta mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija, sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm19,387.50) li giet <u>zbankata</u> mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, u dan l-ammont ta' disa' t'elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghall-kjarezza tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti hija konvinta illi l-ewwel Qorti waslet ghas-somma ta' Lm19,387.50 imsemmija fis-silta appena citata mis-sentenza appellata ghaliex adottat *in toto* il-kontenut tal-partiti enumerati minn wiehed (1) sa tlieta (3) tal-parti tan-"Nota spjegattiva tal-attrici" (fol. 432 sa 436) intitolata "Likwidazzjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti". Issa, fl-imsemmija partita numru 3 jissemmew l-ammonti in ezami ta' Lm1475.30, Lm3000 u Lm1000. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat id-dokument a fol. 23 tal-process tasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenut ghandu ragun jghid illi - kuntrarjament ghal dak illi timplika s-sentenza appellata - huwa ma <u>zbankax</u> l-ammont ta' Lm1475.30. Kwantu ghall-ammonti ta' Lm3000 u Lm1000, ghalkemm huwa possibbli illi l-fatti huma kif jispjeghom il-konvenut fil-paragrafu enumerat 18, hawn fuq citat, tan-nota responsiva tieghu, minn dak illi jirrizulta mill-atti processwali dina l-Qorti ma tistax tasal sabiex taccetta tali spjega;

Fid-dawl tar-ragunijiet kollha illi ghadhom kemm inghataw, dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi is-somma globali illi zbanka l-konvenut mid-depoziti bankarji appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti hija ta' hmistax-il elf u wiehed u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm15,061.17) u illi, konsegwentement, ghandu jigi kundannat ihallas lill-attrici

nofs din is-somma, jigifieri sebat elef, hames mija u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm7,530.54) (u mhux is-somma ta' Lm9,693.75 imsemmija fis-sentenza appellata);

Permezz ta' l-aggravju tieghu in ezami il-konvenut qed isostni ukoll illi l-imghax illi ghandu jhallas fuq l-imsemmija somma issa likwidata ta' Lm7530.54 b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar, 1997 ma ghandux ikun ta' hamsa fil-mija (5%), kif jinghad fis-sentenza appellata, izda ghandu jkun inqas. Dina l-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta stabbiliet ir-rata ta' imghax;

Il-konvenut qed jissottometti ukoll permezz tat-tielet (3) aggravju tieghu illi huwa ma ghandu jigi kundannat ihallas lill-attrici ebda ammont minhabba dak illi fis-sentenza appellata jissejjah "nofs l-ammont ta' kirjiet … li l-istess konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza ghall-kera ta' garaxijiet kollha u l-mahzen li huma proprjetà parafernali tieghu, liema kirjiet u introjtu ghalhekk jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti …" (sottolinear ta' dina l-Qorti). Dina l-Qorti - indipendentement mir-ragunijiet illi jati l-konvenut fir-rikors ta' appell tieghu sabiex isostni din is-sottomissjoni tieghu - in vista tal-konkluzjoni taghha hawn fuq raggjunta illi r-responsabbiltà ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti hija ta' l-attrici, minhabba illi abbandunat lill-konvenut minghajr raguni gusta, b'applikazzjoni ta' l-artrikoli 40, 41 u 48 tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni illi l-attrici tilfet id-dritt ghal nofs tad-dhul mill-kirjiet hawn imsemmija illi dina l-Qorti tikkonsidra "illi … saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra [*i.e.* il-konvenut]" (art. 48(1)(c) tal-Kodici Civili). A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti, ghall-finijiet ta' l-istess artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili, tistabilixxi "d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda" bhala d-19 ta' Gunju, 1996, il-gurnata meta l-attrici abbandunat lill-konvenut. L-att ta' citazzjoni odjern gie intavolat wara d-19 ta' Gunju, 1996, precizament fil-hdax (11) ta' Ottubru, 1996;

Ikkunsidrat:

Illi ma hijiex ser tiehu konjizjoni ulterjuri tar-raba’ (4) aggravju tal-konvenut peress illi, meta gie intavolat ir-rikors ta’ appell, appell mill-provvediment in kwistjoni kien espressament vjetat;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-attrici kontra s-sentenza appellata - avanzati permezz ta’ l-appell incidentali taghha - huma s-segwenti:

1. Fi kliem ir-rikors ta’ appell:

“… ma hemm ebda raguni ghalhiex l-ewwel Onorabbli Qorti kellha titlaq mill prassi komuni taghha u tikkwalifika u tillimita il kustodja taghha [ta’ l-ulied minuri]”;

2. Illi l-manteniment illi l-konvenut gie kundannat ihallas lill-attrici ghal ulied il-kontendenti huwa inadegwat;

3. Illi l-ammont illi l-konvenut gie kundannat ihallas lill-attrici bhala sehemha mid-dhul mill-kirjiet ta’ proprjetà parafernali tal-konvenut huwa zbaljat;

4. Illi hija ma kellhiex tigi kundannata thallas spejjez addizzjonali;

Ikkunsidrat:

Illi minn dak illi jinghad fl-appell incidentali ta’ l-attrici taht l-intestatura “KURA U KUSTODJA” huwa evidenti illi l-attrici qed toggezzjona ghal dik il-parti tas-sentenza appellata illi permezz taghha l-ewwel Qorti ordnat hekk (fol. 484):

“… li l-kura u kustodja tat-tfal li ghadhom minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet fis-sens li decizjonijiet dwar edukazzjoni, sahha, u affarijiet importanti fil-hajja ta’ l-istess ulied ghandha tigi deciza flimkien bejn iz-zewg partijiet …”;

Hija l-fehma ta’ dina l-Qorti illi ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sabiex iddecidiet kif iddecidiet dwar il-kura u kustodja ta’ ulied il-kontendenti illi ghadhom minuri, *multo magis* meta, kif inghad aktar ’l

fuq f’dan il-gudikat, x’aktarx illi illum huwa l-ulied tewmin biss tal-kontendenti illi ghadhom minorenni u ghandhom kwazi 16-il sena;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-attrici ma avanzat ebda argument validu illi jista’ jikkonvinci lil dina l-Qorti sabiex tvarja l-ammont ta’ manteniment illi l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghall-ulied illi ghadhom minuri.  Tajjeb illi jinghad, f’dan ir-rigward, illi l-ispejjez illi l-attrici inkorriet u ghadha qed tinkorri *in linea* ta’ kera ghall-fond fejn qed toqghod inkorriethom u qed tinkorrihom kapriccjozament ghaliex, kif già inghad aktar minn darba, kienet hija illi abbandunat id-dar matrimonjali minghajr raguni gusta.  Kwantu ghas-sottomissjoni ta’ l-attrici illi hija “dahhlet fi spejjez enormi ghall-bzonnijiet edukattivi u bzonnijiet ohra tat-tfal” dina l-Qorti hija konvinta illi l-ewwel Qorti kienet konxja minn dawn l-ispejjez meta stabbiliet ir-rata ta’ manteniment;

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta’ dak illi inghad aktar ’l fuq f’dan il-gudikat dwar l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili fil-konfront ta’ l-attrici, it-tielet (3) aggravju ta’ l-attrici huwa manifestament infondat;

Ikkunsidrat:

Ghall-istess raguni moghtija fir-rigward tar-raba’ (4) aggravju tal-konvenut, dina l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ (4) aggravju ta’ l-attrici;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell incidentali ta’ l-attrici billi tichdu bl-ispejjez kontra taghha;

Tipprovdi dwar l-appell tal-konvenut billi tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

i. tirrevokaha kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u, minflok, tilqa' l-ewwel erbgha (4) eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad il-hames (5) eccezzjoni tieghu;

ii. kwantu ipprovdiet dwar l-ewwel (1) talba attrici, tirrevokaha kwantu jinghad "minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li Charles Grima kkommetta kontra martu l-attrici, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrevokabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli" u, minflok, tiddikjara illi s-separazzjoni qed tigi pronunzjata minhabba illi l-attrici abbandunat lill-konvenut minghajr raguni gusta u, kawza ta' hekk, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment u l-hajja taghhom flimkien ma ghadhiex possibbli;

iii. kwantu ipprovdiet dwar it-tielet (3) talba attrici, tirrevokaha kwantu jinghad "fl-ammont ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) fix-xahar, (Lm80 ghal kull wild)" u minflok tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici tmenin lira Maltija (Lm80) kull xahar ghal kull wiehed minn ulied il-kontendenti illi ghadu minuri u sakemm jibqa' minuri;

iv. tirrevokaha kwantu laqghet ir-raba' (4) talba attrici u, minflok, tichad l-istess talba;

v. kwantu ipprovdiet dwar il-hames (5) talba attrici, fil-parti indikata bl-ittra '(b)' tirrevoka l-kliem u cifri "l-ammont ulterjuri ta' disa t'elef, sitta mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija, sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm19,387.50) li giet zbankata mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, u dan l-ammont ta' disa' t'elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici bl-imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sa l-effettiv pagament" u tissostitwihom bil-kliem u cifri "sebat elef, hames mija u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm7,530.54) rappresentanti

nofs l-ammont ta’ hmistax il-elf u wiehed u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm15,061.17) illi gie zbankat mill-konvenut minn diversi depositi bankarji, b’dan illi fuq l-imsemmija Lm7,530.54 il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici imghax bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) fis-sena dekorribbli mill-ewwel (1) ta’ Jannar, 1997 sal-effettiv pagament”; tirrevoka l-parti kollha indikata bl-ittra ‘(e)’; tissostitwixxi l-ittra ‘(f)’ bl-ittra ‘(e)’;

vi; tirrevokaha kwantu ipprovdiet dwar l-ispejjez tal-kawza u, minflok, tordna illi l-ispejjez kollha ta’ l-ewwel (1) istanza jigu sopportati mill-attrici;

vii; tikkonfermaha ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjez konnessi ma’ l-appell interpost mill-konvenut jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut appellant u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------